# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

ONOR.IMĦALLEF GIOVANNI M.GRIXTI LL.M., LL.D

**Appell Numru 451/2015**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Julio Azzopardi**

Seduta 25 ta' April, 2022

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Julio Azzopardi detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 182770 M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat talli:

(a)Fix-xahar ta' Jannar 2009 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, ġewwa San Ġiljan u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li kisru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda kiseb jew kellu fil-pussess tiegħu xi ritratti, filmat, video recording jew xbieha elettronika indiċenti ta' persuni ta' taħt l-eta' cioe' pesuni li m'għalqux l-eta' ta' disa' snin;

(b) Aktar talli fix-xahar ta' Lulju 2008 b'għemil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-eta', tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, cioe' lil *omissis* minuri ta' tlettax-il sena liema delitt sar b'qerq;

(ċ) Aktar tali eċċita, għen jew iffaċilita' korruzzjoni ta' persuna ta' taħt l-eta' tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, cioe' *omissis* minuri ta' tlettax-il sena;

(d) Aktar telli rrenda ruħu reċediv ai termni tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati ta' sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 t'Ottubru 2015 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Julio Azzopardi' li biha l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjoni izda mhux hati tal-imputazzjonjiet l-ohra u minnhom illiberatu u kkundannatu għal tliet snin priġunerija dwar l-ewwel u r-raba' imputazzjoni. Inoltre ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-imputat jitniżżel fuq ir-Reġistru indikat fil-Kap 519 u ordnat li kopja ta' din is-sentenza tkun komunikata lill-imsemmi Reġistratur. Ordnat ukoll id-distruzzjoni tal-materjal pornografiku rigwardanti minuri li kien esibit f'dawn l-atti liema distruzzjoni għandha ssir taħt id-direzzjoni tar-Reġistratur tal-Qrati kif ukoll imponiet divjet ta' isem il-minuri u tal-familja tagħha fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell intavolat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 t'Ottubru 2015 li bih l-appellant talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermha f'dik il-parti fejn l-imputat instab mhux ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni u ħati

tal-ewwel imputazzjoni, bl-addebitu tar-reċidiva skont l-artikolu 49 tal-Kap 9, tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti li tirrigwarda l-piena billi timponi piena aktar ġusta u ekwa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant kif ordnata mill-Qorti.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Settembru 2017 li bih il-Qorti ċaħdet it-talba tal-appellant biex iżid aggravju;

Ikkonsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravam singolari li l-piena hekk kominata ma tirrispekjax ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. In sostenn tal-kritika tieghu, l-appellant jishaq illi minkejja li l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-dak propost mill-UK Sentencing Advisory Board li l-Qorti tal-Appell fl-Ingilterra ma ghamlitx id-distinzjoni hemm ravvizata bejn ir-reat ta' pussess ta' materjal indecenti ta' minuri u dak tal-produzzjoni u distribuzzjoni tieghu. Illi dan huwa perpetwat fil-fatt illi l-ewwel Qorti qablet mal-proposta tal-Ufficcjal tal-Probation sabiex tinghata piena karcerarja liema fehma kienet espressa fi zmien meta l-imputat kien ghadu mhux dikjarat hati tal-imputazzjonijiet kollha u li l-Qorti mxiet fuq din il-proposta minkejja li lliberat lill-imputat mit-tieni u t-tielet imputazzjoni dwar li jipotizzaw ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni;

2. Illi kif kostantement deciz minn din il-Qorti *qua* Qorti ta' revizzjoni, fi principju ma huwiex normali li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena hlief jekk jirrizulta li din ma kienitx fil-parametri tal-ligi u li

konsegwentement kellha tkun anqas minn dik kominata fil-kaz ta' appell tal-hati jew aktar fil-kaz ta' appell tal-Avukat Generali. Inoltre kien wisq drabi ritenut illi hija l-ewwel Qorti l-ahjar pjazzata sabiex teroga dik il-piena relattiva ghall-fatti speci wara li tkun ghexet il-process u hasset il-polz tas-sitwazzjoni quddiemha. Minkejja dan, u ghall-kwadru komplet tal-kwistjoni hawn skrutinata, din il-Qorti eccezzjonalment laqghet talbiet konsimili meta kienet tal-fehma illi l-intervent taghha jitqies bhala *a window of opportunity* ghar-riforma tal-appellanti jew cirkostanzi ohra ta' miljorament konsiderevoli u kambjament pozittiv fil-hajja tal-hati. Mfakkra dawn il-moniti, tajjeb li jkun ezaminat l-ilment tal-imputat dejjem, izda, mill-ottika ta' dak appena osservat;

3. L-ewwel Qorti sabet htija fl-ewwel imputazzjoni ipotizzata fl-artikolu 208A (1B) u (3) tal-Kodici Kriminali u fl-addebitu ta' recidiva fl-artikolu 49 izda mhux fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Il-piena erogabbli fl-ewwel imputazzjoni fid-data tal-kommissjoni tar-reat, jigifieri f'Jannar 2009 kienet ta' mhux aktar minn sentejn prigunerija. L-Artikolu 208A kien introdott fil-Kodici Kriminali bl-Att III tal-2002. F'dik il-parti tieghu rilevanti ghall-kaz odjern, jigifieri dik dwar pussess ta' ritratt, filmat, video recording jew xbieha elettronika indicenti ta' persuna ta' taht l-eta', ipotizzata fis-subartikolu (1), r-reat kien igorr piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux izjed minn mitejn lira jew dik il-prigunerija u multa flimkien. Dan is-subartikolu kien emendat bl-Att XXXI tal-2007 billi sar jirreferi ghall-dak li jista' jinghad hija l-produzzjoni ta' materjal indecenti. Ir-reat tal-pussess ta' tali materjal imbaghad sar jifforma parti mis-subartikolu gdid (1B) bis-sahha tal-istess Att li issa kien

soggett għall-piena ta' mhux aktar minn sentejn priġunerija. Inoltre is-sub-artikolu (3) li tiegħu instab ħati l-appellant kien ukoll mibdul bis-saħħa tal-Att l-aħħar imsemmi b'dan illi tapplika priġunerija minn tlett xhur sa tlett snin meta r-reat ikun kommess minn *inter* alia persuna li tkun fdata, ukoll jekk biss għal xi żmien, bil-kura, l-edukazzjoni, l-istruzzjoni, il-kontroll jew il-kustodja tal-persuna taħt l-eta' murija, mogħtija stampa jew rapprezentanti fil-materjal indeċenti. (Din il-piena kienet ulterjorment soggett ta' tibdil b'emendi oħra li saru dwar dan l-artikolu wara s-sena 2011 iżda għal fini ta' dan l-appell mhix meħtieġa eżami dwarhom la darba l-piena kienet awmentata u mhux mnaqqsa);

4. Illi quddiem l-ewwel Qorti, l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni iżda mhux l-aggravanti ipotizzat fis-subartikolu (3) tal-artikolu 208A. Il-Qorti ddikjarat li ma kien hemm ebda xena indiċenti tal-minorenni *omissis* għaliex ir-ritratti li ħadilha l-imputat tal-partijiet intimi tagħha mgħottija bil-malja ma kienux jikwalifikaw bħala tali. Minkejja dan, iżda, jidher li l-ewwel Qorti sabet ħtija f'parti oħra ta' dan is-subartikolu li jipotizza l-pussess ta' materjal indeċenti meta dan "juri, jagħti stampa ta' jew jirrapreżenta persuna ta' taħt l-eta involut f'atti ta' bestjalita, brutalita, sadiżmu jew tortura" u dan wara li osservat li "*instabu biss ħames movie clips li juru dawn ix-xeni li kienu jinvolvu l-eta' ta' aktar minn disa snin*". B'hekk u kif spjegat *supra* il-piena kominabbli kienet dik ta' priġunerija minn tlett xhur sa tlett snin;

5. Illi fl-udjenza tat-30 ta' Novembru, 2017, kien reġistrat is-segwenti verbal kongunt:

*Id-Difiza u l-Avukat Generali jaqblu li fid-dawl tal-fatt li s-sentenza appellata abbraccjat ir-rakkomandazzjonijiet maghmula fil-pre sentencing report imhejji minn Chantelle Avellino, liema rakkomandazzjonijiet pero' kienu msejsa fuq [il-prospett ta'] sejbien ta' htija u tal-imputazzjonijiet kollha addebitati lill-appellant , u peress li in effetti l-esponent gie misjub mhux hati ta' tnejn minn tliet imputazzjonijiet lilu addebitati, kif ukoll fid-dawl tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 19 ta' Settembru, 2017, il-fedina penali aggornata tal-appellant u tal-piena kontemplata taht l-Artikolu 208(1B) u (3) fid-data tar-reat li tieghu l-appellant instab hati, l-aggravju dwar il-piena jisthoqqlu li jkun milqugh.*

*F'dan ir-rigward il-partijiet qeghdin umilment jissugerixxu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tapplika fil-konfront tal-appellant id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.*

*L-Avukat Generali izid ukoll li qed jaghmel dan il-verbal wara li hu ghamel il-verifiki li deherlu li kellu jaghmel qabel ma jiehu din il-posizzjoni.*

6. Illi l-Qorti ezaminat ir-rapport tal-Ufficcjal tal-Probation u d-deposizzjoni tal-psikjatra Dr. Mark Xuereb u ma hemm l-ebda ekwivoku li r-rakkomandazzjoni tal-Ufficcjal tal-Probation ghal-piena karcerarja saret fl-eventwalita' li l-imputat jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dan ghaliex "*li hu ferm limitat x'wiehed jista' jaghmel biex jassigura supervizjoni li tillimita b'mod sodisfacenti r-riskju ghal terzi persuni*". Tosserva li din mhix kwistjoni ta' numri fis-sens li ghaliex dik ir-rakkomandazzjoni kienet dwar l-imputazzjonijiet kollha issa li

nstab hati ta' wahda minnhom biss allura mhix valida. L-osservazzjoni tal-Ufficcjal tal-Probation mhix wahda li ghandha tkun skartata ghalhekk biss anke jekk il-Qorti mhix pjenament konvinta li ma jistax ikun hemm supervizjoni sodisfacenti. Il-kwistjoni hi wahda ta' gradwatorja u ttendi taqbel mal-partijiet unikament ghaliex l-imputat kien liberat minn zewg imputazzjonijiet ta' gravita' aktar minn dik li dwarha nstab hati;

7. Issa, kif osservat *supra*, l-akkoljiment ta' aggravju bhal dak in disamina huwa pjuttost l-eccezzjoni izda fil-kaz odjern il-Qorti tqis li l-piena mhix wahda proporzjonata u li in atti kien hemm prova sufficjenti ta' miljorament fil-hajja tal-imputat li allura kien jimmerita li tinghata piena almenu mhux fil-massimu taghha. Huma dawn iz-zewg konsiderazzjonijiet li qed jirradikaw il-konvinciment ta' din il-Qorti sabiex tghazel li tvarja l-piena erogata. Stante li l-appellant kien dikjarat recidiv fit-termini tal-artikolu 49 u mhux l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali hija possibbli piena karcerarja sospiza kif suggerit mill-partijiet;

8. Ghal dawn ir-ragunijiet qed tilqa' l-appell u konsegwentement filwaqt illi **tikkonferma** s-sentenza appellata f'dik il-parti li biha sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni li biha ddikjaratu recidiv fl-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali u f'dik il-parti li biha lliberatu mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni, **thassaraha** f'dik il-parti li biha kkundannatu ghal-tlett snin prigunerija u **minflok**, ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed tikkundannah ghal-terminu ta' sentejn (2) prigunerija liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk il-hati jikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien erba' snin mill-lum u tikkonfermaha fil-bqija;

9. Il-Qorti ghaddiet biex tispjega fi kliem car lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza kif tenuta taghmel skond l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

10. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tkun komunikata lir-Registratur tal-Qrati sabiex tkun ezegwita l-ordni tal-ewwel Qorti rigward il-Kapitolu 518 tal-ligijiet ta' Malta.